DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/837

tas-17 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali

(notifikata bid-dokument C(2023) 2459)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 ([2]) li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1755, kif ukoll l-ammont minimu ta' riżorsi li għandhom jintnefqu f'konformità mal-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament.

(2) Skont l-Artikolu 4a(1) tar-Regolament (UE) 2021/1755, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni għal trasferiment lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-ammonti kollha tal-allokazzjoni proviżorja tagħhom jew parti minnhom stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2021/1755.

(3) F'konformità mal-Artikolu 4a(3) tar-Regolament (UE) 2021/1755 meta Stat Membru jagħżel li jittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja kollha tiegħu jew parti minnha lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mal-Artikolu 4a, l-ammonti li għandhom jintnefqu għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4), għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonat.

(4) Tlieta u għoxrin Stat Membru ppreżentaw talba motivata biex jittrasferixxu ammont totali ta' EUR 2 089 446 003 mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Kummissjoni vvalutat dawk it-talbiet b'mod pożittiv.

(5) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(6) Għal raġunijiet ta' programmazzjoni, l-ammonti provviżorji globali allokati lil kull Stat Membru għandhom jingħataw fi prezzijiet attwali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803, l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1803 tat-8 ta' Ottubru 2021 li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali (ĠU L 362, 12.10.2021, p. 3).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' April 2023.

Għall-Kummissjoni
Elisa FERREIRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1803 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS*

Ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u l-ammont minimu ta' appoġġ għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali, fi prezzijiet attwali (EUR) bħala riżultat tat-trasferimenti ta' riżorsi għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Stat Membru	Ammont relatat mal-fatturi msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1755			Allokazzjoni proviżorja totali (wara t-trasferimenti)	Ammonti trasferiti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)	Ammont minimu li għandu jintnefaq skont l-Artikolu 4(4) għall-komunitajiet kostali lokali u reġjonali
	Kummerċ fi prodotti u servizzi mar-Renju Unit	Ħut maqbud fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tar-Renju Unit	Reġjuni tal-fruntieri marittimi mar-Renju Unit			
BE - il-Belġju	129 217 527	23 333 576	5 172 766	157 723 869	228 850 088	11 040 671
BG - il-Bulgarija	9 372 864			9 372 864	6 000 000	
CZ - iċ-Ċekja	0			0	54 918 029	
DK - id-Danimarka	89 484 857	119 487 833		208 972 690	66 026 588	14 628 088
DE - il-Ġermanja	396 922 262	29 938 608		426 860 870	219 739 187	14 969 304
EE - l-Estonja	0			0	6 615 616	
IE - l-Irlanda	855 060 202	96 925 106	63 216 817	1 015 202 125	150 000 000	48 462 552
EL - il-Greċja	13 031 153			13 031 153	25 600 000	
ES - Spanja	211 333 066	3 113 984		214 447 050	58 000 000	
FR - Franza	142 041 225	41 642 737	47 867 301	231 551 263	504 000 000	16 208 588
HR - il-Kroazja	0			0	7 190 532	
IT - l-Italja	146 769 412			146 769 412	0	
CY - Ċipru	0			0	52 056 350	
LV - il-Latvja	0			0	10 946 343	
LT - il-Litwanja	7 465 868	18 705		7 484 573	4 700 000	
LU - il-Lussemburgu	0			0	128 475 124	
HU - l-Ungerija	57 157 852			57 157 852	0	
MT - Malta	4 322 261			4 322 261	40 000 000	
NL - in-Netherlands	485 768 732	95 761 650	24 784 255	606 314 637	280 000 000	42 442 025
AT - l-Awstrija	27 711 512			27 711 512	0	
PL - il-Polonja	172 161 964	1 471 297		173 633 261	0	
PT - il-Portugall	0	0		0	81 358 359	
RO - ir-Rumanija	0			0	43 162 623	

SI - is-Slovenja	0			0	5 257 380	
SK - is-Slovakkja	0			0	36 307 747	
FI - il-Finlandja	9 000 000			9 000 000	14 242 037	
SE - l-Iżvezja	67 431 973	4 001 632		71 433 605	66 000 000	
Total tal-UE-27	**2 824 252 730**	**415 695 128**	**141 041 139**	**3 380 988 997**	**2 089 446 003**	**147 751 228**”